**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Maurice Borg (KI 732740M)**
**Vivienne Ellul (KI 375538M)**
**George Borg (KI 718539M)**
**Dennis Borg (KI 1080245M)**
**Margaret Ellul (KI 259348M)**
**Antida Portelli (KI 101250M)**
**Albert Borg (KI 699552M)**
**Martin Borg (KI 595658M)**

**Vs**

**Robert Spiteri (KI 0695148M)**

**Rikors Numru: 137/17**

Illum 18 ta' Jannar 2018

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jaqra hekk:

1. IIIi l-esponenti huma l-kompropjetarji, fi kwoti ugwali bejniethom, tal-fond ossia flat bin-numru ufficjali tnax (12), fil-livell ta' *third floor,* formanti parti minn blokk ta' tnax (12)-il flat u ghaxar (10) garages sottostanti, bl-isem ta' "Ashton Court" bla numru, fi Triq Patri Felic Sammut, f'San Pawl il-Bahar;

2. Illi l-esponenti saru kompropjetarji tal-fond succitat wara li kull wiehed minnhom wiret sehem indiviz minn disgha (1/9) rninghand ohthom Mary Carmela Fenech (KI 0283444M) li mietet fit-18 ta' Marzu 2012 *(vide* d-dikjarazzjoni *causa mortis* annessa bhala Dok A); u r-rimanenti sehem indiviz ta' wiehed minn disgha (1/9), fi kwoti indaqs bejniethom, permezz ta' donazzjoni rninghand ommhom Josephine Borg (KI 219419M), datata 7 t' Awissu 2013 *(vide* l-kuntratt ta' donazzjoni in atti Nutar Malcolm Licari anness bhala Dok B);

3. IlIi I-fond in dizamina kien qieghed jigi mikri ghal xi zmien minn Mary Carmela Fenech lill-intimat Robert Spiteri;

4. IlIi wara l-mewt ta' Mary Carmela Fenech, u cioe wara t-18 ta' Marzu 2012, l-intimat beda jhallas ammont ta' mitejn u sitta u hamsin Ewro (€256) fix-xahar lill-esponenti, izda tali hlasijiet bdew isiru fuq bazi irregolari immens u di fatti l-intimat ma hallas ebda ammont ghal diversi xhur, kif indikat fl-istatements bankarji hawn annessi bhala Dok C;

5. IlIi peress li I-kirja tal-fond *de quo* lill-intimat kienet qieghda tigi mgedda minn xahar ghal xahar permezz tal-hlas tal-pagamenti hawn fuq imsemmija, u peress li l-intimat ilu ma jhallas kera ghal diversi xhur, il-kirja *de quo* giet awtomatikament itterminata;

6. IlIi x-xhur li ghalihom l-intimat ma hallas ebda kera huma specifikarnent is-segwenti, li fil-prezent jammontaw ghal tlieta u erbghin {43} xahar:
   - Minn April sa Awissu tas-sena 2012 = hames (5) xhur;
   - Lulju u Dicembru tas-sena 2013 = xahrejn;
   - Frar, April, Mejju, Awissu-Dicembru tas-sena 2014 = tmien (8) xhur;
   - is-sena kollha tal-2015 = tnax-il (12) xahar
   - Minn Jannar sa April u minn Ottubru sa Dicernbru tas-sena 2016 = seba' (7) xhur; u
   - Is-sena 2017 sal-gurnata tal-prezentata tal-kawza odjerna = disa' (9) xhur

7. IlIi ghaldaqstant il-kirja dovuta prezenzjalment, ikkalkulata a bazi ta' €256 fix-xahar, tammonta ghal hdax-il elf u tmien Ewro **(€11,008);**

8. IlIi I-esponenti interpellaw lill-intimat diversi drabi sabiex iwettaq il-hlasijiet dovuti, inklui b'ittra registrata **(Dok D)** u wkoll interpellawh biex jizgombra mill-fond permezz ta' ittra ufficjali bin-numru ta' referenza 1873/2017 (Dok E}. Madanakollu l-intimat baqa' inadempjenti;

Ghaldaqstant jghid l-intimat ghaliex dan il-Bord rn'ghandux, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessaria u opportuna:-

1. Jiddikjara li l-kirja tal-fond ossia flat bin-numru ufficjali tnax (12), fil-livell ta' *third floor,* formanti parti minn blokk ta' tnax (12)-il flat u ghaxar (10) garages sottostanti, "Ashton Court" bla numru, fi Triq Patri Felic Sammut, f'San Pawl ll-Bahar lill-intimat hija terminata;

2. Jawtorizza ghaldaqstant lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess tal-fond numru 12, gewwa "Ashton Court" bla numru, fi Triq Patri Felic Sammut, f'San Pawl il-Bahar;

3. Jordna I-konsegwenzjali igumbrament tal-intimat mill-imsemmi fond, u dana fi zmien qasir u perentorju li joghgbu jistabbilixxi dan il-Bord;

4. Jiddikjara illi l-intimat huwa debitur fil-konfront tar-rikorrenti versu s-somma ta' hdax-il elf u tmien Ewro (€11,008), jew ammonti ohra verjuri, rapprezentanti hlasijlet ta' kera li ma gewx onorati mill-intimat;

5. Jikkundanna lill-intimat sabiex ihallas l-istess ammont ta' hdax il-elf u tmien ewro (€11,008), jew ammonti ohra verjuri li jgiu stabbilti mill-Bord, lill-esponenti.

Bl-ispejjez u bl-interessi skiont il-ligi, u b'rizerva ghal kwalsiasi dritt ulterjuri (inkluz ghal hlas ta' ammonti ulterjuri) spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimat, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bir-rikors, bid-digriet tal-Bord u bl-Avviz ghas-Smiegh izda huwa la pprezenta risposta u wisq anqas ma deher fis-seduta.

Sema' x-xhieda.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra:

Permezz tal-proceduri odjerni r-rikorrenti qeghdin jitolbu lil dan il-Bord sabiex jiddikjara li l-kirja tal-fond de quo hija terminata, u konsegwentement l-intimat jigi zgumbrat u inoltre li jikkundanna lill-istess intimat sabiex ihallas hlasijiet ta' kera li huma jsostnu li ma gewx onorati u infatti jelenkaw fis-sitt premessa x-xhur fejn l-intimat allegatament naqas li jhallas il-kera.

Dan il-Bord iqis li mill-provi prodotti r-rikorrenti ma jistghux jirnexxu fl-azzjoni taghhom. Ir-rikorrenti filwaqt li pprezentaw il-prova ta' kif dan il-fond iddevolva fuqhom naqsu fl-ewwel lok li jgibu prova ta' f'liema perjodu u zmien giet koncessa din il-kirja. Jinghad biss li ghal xi zmien Mary Carmela Fenech, ohthom li mietet fit-18 ta' Marzu 2012, kienet kriet il-fond lill-intimat u qalu wkoll li wara l-mewt taghha l-intimat suppost kellu jhallas l-ammont ta' €256 fix-xahar bhala kera. Lanqas jekk kienx hemm ftehim dwar it-terminu tal-kirja ma gie indikat. Tali prova hija fil-fehma tal-Bord rekwizit importanti ghaliex ladarba l-istess rikorrenti qeghdin jibbazaw il-kawzali taghhom fuq morozita' huwa relevanti meta l-kirja giet koncessa. Altru li kienet kirja qabel is-sena 1995 u kwindi huma applikabbli certu regoli u altru giet koncessa wara. Huwa minnu li l-ammont ta' kera fix-xahar forsi jista' jaghti lok li wiehed isostni li huwa evidenti li din hija kirja li giet koncessa wara l-1995 izda dan il-Bord ma jistax jassumi u jinkombi fuq ir-rikorrenti li jaghtu tali informazzjoni.

Inoltre' l-istess rikorrenti rreferew ghall-ittra ufficjali li intbghatet lill-intimat fit-22 ta' Mejju 2017, li giet notifikata lilu, fejn huwa gie interpellat jizgombra mill-fond ghaliex kien qieghed jokkupa l-fond minghajr titolu sa minn Jannar 2014. Fil-kawza odjerna l-kawzali mhix ta' okkupazzjoni bla titolu izda l-allegata morozita' li m'hemm l-ebda accenn ghaliha fl-istess ittra ufficjali. Oltre' dan giet ipprezentata ittra li ntbaghtet lill-istess intimat li ukoll giet ricevuta minnu fejn din id-darba qieghed jintalab ihallas il-kirjiet li ma hallasx u fiha qieghed jinftiehem li l-kirja ghadha vigenti. Jinghad fl-istess ittra li huwa gie interpellat anki verbalment sabiex ihallas izda ebda dettalji ta' kif u meta tali allegati interpellazzjoni sehhew ma jinghadx u ma giex spjegat lil dan il-Bord.

Irid jigi rrilevat li ghalkemm l-intimat ma deherx u ma pprezentax risposta, jinkombi xorta wahda fuq ir-rikorrenti sabiex jippruvaw il-kaz imressaq minnhom.

Ghal dawn il-motivi dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom.

**Dr Josette Demicoli LL.D.**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**